# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. JOSEPH REFALO LL.D. Adv. Trib.Eccl. Melit.

### Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Novembru, 2001

### Avviz numru : 30/2001GT(JR)

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Road Construction Ltd**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz presentat mis-socjeta' attrici fit-3 ta' Lulju 2000 fejn intalab il-hlas ta' tnejn u sebghin lira Maltija (Lm72.00), u fejn intqal:**

**Illi fi Triq Wied Xmun, Qala, fit-23 ta' Settembru 1999, haddiema tal-konvenut, waqt li kienu qieghdin jahdmu xi xoghol fl-imsemmija triq, ikkawzaw hsarat lil cable proprjeta' tal-attur.**

**Dawn il-hsarat ikkagunati jammontaw ghal tnejn u sebghin lira Maltija (Lm72.00).**

**Ghal din il-hsara ghandu jwiegeb il-konvenut li minkejja diversi nterpellazzjonijiet irrifjuta li jhallas.**

**Ghalhekk qieghed jitlob li l-kovenut ikun ikkundannat sabiex ihallas id-danni minnu sofferti.**

**It-Tribunal ra li s-socjeta' konvenuta ma ppresentat l-ebda risposta, ghalkemm deher id-difensur tal-istess socjeta' fis-seduta tal-21 ta' Novembru, 2000.**

**Semgha x-xhieda ta' Walter Mompalao u ta' Carmel Mizzi Cefai, Ha konjizzjoni tac-cirkustanzi kollha tal-kaz.**

**Ra li fit-30 ta' Jannar, 2001, it-Tribunal kien issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza, fuq talba tas-socjeta' konvenuta, sabiex din iggib il-provi taghha fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2001. Is-socjeta' konvenuta baqghet ma ressqitx provi.**

**Ikkunsidra:**

**1. Walter Mompalao, ghas-socjeta' attrici, ikkonferma li l-ammont tal-hsarat mitlub, u li dan kien ghadu dovut. Skond l-istess xhud il-konvenut ma kienx mar biex jiffirmawlu l-permess relattiv ghax-xoghlijiet. Lanqas ma kien talab li jsiru l-marki biex juru fejn hemm "cables".**

**2. Skond l-istess xhud lanqas ma irrizulta li kienu saru "pilot holes" fil-post fejn saru x-xogholijiet.**

**3. Dana hu konfermat minn Carmel Mizzi Cefai li jghid pero' li l-applikazzjoni saret fis-26 ta' Lulju, 1999. Jghid ix-xhud li ma setghax imur jimmarka peress li l-konvenut ma nfurmahomx dwar meta ser isir ix-xoghol. Jidher li l-konvenut kien avzat, u kien jaf li fejn kien ser isir ix-xoghol kien hemm "cable".**

**Ghalhekk jirrizulta li l-hsara grat minhabba li s-socjeta' konvenuta ma kienetx hadet dawk il-prekawzjonijiet li suppost jittiehdu meta jsir xoghol simili. Jirrizulta li l-konvenut naqas meta dan l-anqas ma nforma lis-socjeta' attrici sabiex tmur timmarkalu fejn hemm "cables".**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata t-tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnejn u sebghin lira Maltija (Lm72.00).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.**

**(ft) Joseph Refalo**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**